# Lejn L-Inkurunazzjoni tal-Istatwa Titulari tas-Sultana Tagħna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù



## *Il-Banda Ċittadina "Sliema" tiċċelebra bl-esekuzzjoni tal-Oratorju Marjan lis-Sultana Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù*

Din is-sena għall-Parroċċa tal-Madonna Tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema kif ukoll għall-parruċċani u għas-Sliemiżi ser tkun tassew Sena Speċjali.

Sena speċjali għaliex qed ikun iċċelebrat il-100 sena mit-twaqqif tal-parroċċa kif ukoll sena speċjali wara l-aħbar sabiħa li ngħatat nhar l-Erbgha 9 ta' Mejju 2018, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Erbgħa bi preparazzjoni għall-Festa Titulari Tas-Sultana Tagħna.

Wara l-quddiesa ċelebrattiva, il-Gwardjan Rev Patri Pawl Galea OFM ħabbar uffiċjalment li l-Vara Titulari tas-Sultana Tagħna ser tiġi Inkurunata Solennament u l-Knisja ser tkun mgħollija għad-dinjità ta' Santwarju Marjan.

Dan ser isir is-Sibt 29 ta' Settembru li ġej fejn ser isir Programm taċ-Ċelebrazzjonijiet għal din l-okkażjoni speċjali.

Wara l-Quddiesa tal-Ewwel Erbgħa fejn saret it-tħabbira saret ċerimonja sabiħa u simbolika fejn il-Madonna u l-Bambin tneħħewlhom il-kuruni preżenti, żewġ kuruni mill-isbaħ li din l-Istatwa jkollha matul is-sena li kienu tpoġġew fuq din il-Vara wara li kienet ġiet misruqa. Il-Gwardjan Rev Patri Pawl Galea OFM flimkien mas-Sagristan maġġur Fra Lorrie Zerafa OFM telaw u neħħew il-kuruni preżenti.

Kif spjega l-istess Gwardjan, issa la darba ħareġ id-digriet biex il-Vara tkun inkurunata il-kuruni preżenti jitneħħew biex nhar is-Sibt 29 ta' Settembru 2018 waqt ċerimonja mill-Arċisqof Charles J. Scicluna il-Vara ser jitpoġġewla kuruni ġodda minnu stess.

Din kienet aħbar sabiħa għall-parruċċani devota u s-Sliemiżi li l-Istatwa tas-Sultana Tagħna wara tant stennija anki minn ġenerazzjonijiet ta' qabilna issa ser tkun inkurunata sollenament.

Id-data tal-Inkurunazzjoni ser tkun qed taħbat ukoll mad-data taċ-Ċelebrazzjoni tal-100 sena mit-twaqqif tal-parroċċa u għalhekk ser jittella' programm ta' Ċelebrazzjonijiet.

Il-kuruni l-ġodda tal-Madonna u l-Bambin ser jiġu ppreżentati fil-Knisja il-Ħadd 1 ta' Lulju li ġej wara li l-Madonna Tas-Sacro Cuor tidħol lura mill-purċissjoni tal-Festa.

Ta' min wieħed isemmi li ftit huma l-vari f'Malta u Għawdex li ġew solennament inkurunati. Fil-biċċa l-kbira tas-Santwarji huwa l-kwadri titulari li huma nkurunati. L-ewwel inkurunazzjoni f'Malta seħħet fil-15 ta' Lulju tal-1881meta b'digriet mill-Kapitlu tal-Vatikan kien inkurunat il-kwadru devot tal-Madonna tal-Karmnu meqjum fis-Santwarju Bażilika tal-Belt Valletta. L-uniku żewġ vari proċessjonali f'Malta u Għawdex li kienu ġew solennament inkurunati huma żewġ Bambini, dik tal-Isla u dik tax-Xagħra. Vara oħra inkurunata, iżda li ma toħroġx purċissjoni, ħlief f'xi okkażjoni speċjali, hija ta' San Ġużepp, magħruf bħala x-Xiħ, fir-Rabat tal-Imdina.

Bħala parti minn dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet li ser isiru fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru is-Soċjetà Filarmonika "Sliema" ser tkun qed ittella' Programm Vokali u Mużikali Speċjali. Dan il-Programm Speċjali ser jittella' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Settembru fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor.

F'dan il-programm il-Banda Ċittadina "Sliema" taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha Mro Lesley Tabone ser ittella' l-Oratorju Marjan "Lis-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù" kompożizzjoni tal-mibki Mro Joseph Magri.

Dan l-Oratorju Marjan huwa wieħed għall-banda, tenur, soprano, baritonu u kor. Il-versi ta' dan l-Oratorju Marjan huma tal-Poeti Patri Mariano Vella OFM u ta' Patri Profs. Anastasio Cuschieri OC.

L-Oratorju Marjan ta' Mro Magri huwa mqassam hekk:

- Preludju u Kor ta' introduzzjoni "Iftaħ beraħ bieb qalb Ibnek"
- Aria għas-soprano "Omm mis-sema lejna tħares"
- Kor – Fuga b' 4 vuċijiet "Iftaħ beraħ bieb il-qalb t' Ibnek Ġesù"
- Romanza għat-tenur u kor "Inti Sultana Tagħna lkoll"
- Terzett għas-solisti "Salve Regina"
- Fuga finali b' 4 vuċijiet "Ħienja int Marija fil-qalb ta' Ibnek hemm is-Sliem"





*Il-Mument li l-Gwardjan Rev Patri Pawl Galea OFM flimkien mal-Fra Lorrie Zerafa OFM qegħdin ineħħu l-kuruni minn fuq il-Madonna u l-Bambin.*

**Talba bi tħejjija**
**għall-Inkurunazzjoni ta' Istatwa**
**tas-Sultana tal-Qalb Ħelwa ta' Ġesù**

Missier Qaddis, Infaħħruk u rroddulek ħajr
għaliex int ixxerred dawk li huma mkabbra f'qalbhom u tgħolli ċ-ċkejknin:
Int qegħidt fuq il-lemin tiegħek, imżejjen bil-ġieħ u l-glorja,
lil Kristu Ibnek, li ċekken lilu nnisfu sal-mewt tas-salib;
Inti għamiltu Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien u lill-Verġni mqaddsa Marija,
l-qaddejja umli tiegħek, li ridt tgħaqqad mal-misteru ta' Qalbu,
għollejtha fuq il-kori kollha tal-Anġli
fejn issa qiegħda ssaltan miegħu fil-glorja.

Hi s-Sultana ħanina, li ġarrbet b'mod speċjali l-qawwa tal-ħniena tiegħek,
u tilqa' l'dawk kollha li jmorru għandha
u tisma' 'l dawk kolla li jitolbuha l-għajnuna fil-hemm tagħhom.

Hi l-Omm li tista' kollox, widnejha dejjem miftuħa għat-talb ta' wliedha
biex tiksbilhom ħniena u taqlagħlhom il-maħfra ta' dnubiethom.
Hi dik il-Mara, li f'rabta sħiħa mar-rieda tiegħek,
baqgħet wieqfa taħt is-Salib ta' Binha, li minn ġenbu minfud bil-lanza,
ħareġ demm u ilma, għas-salvazzjoni tad-dinja.

Ilqa' nitolbuk, din il-kuruna li aħna ħa nqiegħdu fuq ras
**Sidtna Marija tal-Qalb ta' Ġesù**,
u agħmel li bil-ħajja tagħna nfittxu li nġibu dejjem 'l quddiem
is-Saltna ta' Kristu Sidna, li miegħek u mal-Ispirtu s-Santu,
jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

*Talba bit-tħejjija tal-Inkurunazzjoni Solenni*



*Il-Banda Ċittadina "Sliema" fil-Knisja Parrokkjali Madonna tas-Sacro Cuor waqt l-esekuzzjoni tal-Oratorju Marjan – l-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2001*

- Jubiloso – Gran Final "Viva dejjem is-Sultana tal-Qalb ħelwa ta' Ġesù"

Il-premier ta' dan l-Oratorju Marjan kien sar mill-Banda Ċittadina "Sliema" taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Joseph Galea akkumpanjata mis-soprano Joan Mangion, it-tenur Andrew Sapiano u l-baritonu Joe Huber flimkien mal-Kor "Santa Monika" taħt Suor Beniamina Portelli nhar is-Sibt 28 ta' Frar 1998 fis-Sala tar-Repubblika ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi l-Belt Valletta fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-75 Sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Filarmonika "Sliema". Dan ix-



*Il-Knisja Parrokkjali Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema mgħollija għat-titlu ta' Santwarju Marjan*

xogħol sabiħ kien ġie miġbud mill-istazzjon televiżiv nazzjonali TVM u sussegwentament ġie wkoll imxandar. Is-Soċjetà kienet ukoll ħadet l-inizjattiva li toħroġ Compact Disc ta' dan ix-xogħol.

Dan l-Oratorju Marjan reġa ġie mtella' mill-Banda Ċittadina "Sliema" il-Ħadd 5 ta' Settembru tas-sena 1999 fil-gżira Għawdxija fuq talba tal-Arċipriet tal-Bażilika tax-Xagħra Ewkaristiku Sultana fil-preżenza tal-Kardinal Edmund Casimir Szoka ġewwa l-istess bażilika ftit jiem qabel il-Festa ta' Marija Bambina. Il-Banda bħal fis-sena 1998 kienet taħt Mro Joseph Galea u bis-sehem tal-istess kantanti u kor.

Il-popolarità ta' dan l-Oratorju Marjan bdiet tiżdied u għalhekk fuq talba ta' ħafna membri u partitarji kien reġa ttella' mill-Banda Ċittadina "Sliema" l-Erbgħa 20 ta' Ġunju 2001 fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor quddiem l-Istatwa tas-Sultana Tagħna li kienet tpoġġiet għal din l-okkażjoni fuq l-artal ezatt wara l-Banda u l-Kor fl-okkażjoni tal-Festa ta' dik is-sena fejn kien qed jiġi ċċelebrat il-120 sena tal-wasla fostna tal-Vara Titulari tal-Madonna tas-Sacro Cuor u d-90 sena mill-ewwel purċissjoni b'din il-Vara Artistika ta' Gilormu Darmanin.

Għal dan l-Oratorju Marjan, l-istess bħal fis-sena 1998 il-Banda Ċittadina "Sliema" kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Joseph Galea bis-sehem tas-soprano Joan Mangion, it-tenur Andrew Sapiano, il-baritonu Joe Huber u l-Kor "Santa Monika".

Aktar dettalji dwar l-esekuzzjoni tal-Oratorju Marjan il-Ġimgħa 28 ta' Settembru jingħataw aktar il quddiem. Il-Banda "Sliema" ser tkun akkumpanjata mill-Kor "Coro bel canto" immexxi minn Mro Hermann Farrugia Frantz kif ukoll soprano, tenur u baritone li għad iridu jiġu kkomfermati.


